MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 480/1999/1

**David Ellis bhala Bursar u fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edward's**

**vs**

**Alfred u Silvana konjugi Testa**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-7 ta' April, 1999, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm263) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg hawn fuq imsemmi ta' taghlim u edukazzjoni, kif ukoll spejjez

ohra inkorsi in konnesssjoni mat-tifel tal-konvenuti li kien student fl-istess Kullegg, u dan skond kont li jgib id-data ta’ l-ewwel (1) ta’ Settembru, elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) li kopja taghha hija annessa u mmarkata Dok “A”.

Bl-ispejjez, inkluzi l-VAT, kif ukoll dawk ta’ l-ittra legali li ggib id-data tat-tnejn (2) ta’ Frar, elf disgha mija u tmienja u disghin (1998), ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-sittax (16) ta’ Settembru, elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:
(a) is-somma mitluba tirreferi ghal drittijiet ta’ taghlim u edukazzjoni dovuti ghall-perjodu meta iben l-eccipjenti kien spicca jattendi l-Kullegg;
(b) id-decizjoni dapparti tal-eccipjenti sabiex it-tifel ma jibqax fil-Kullegg kienet kagun ta’ tortijiet imputabbli lill-istess Kullegg u ttiehdet appena dawn it-tortijiet irrizultaw car wara hafna pprokrastinar mill-istess Kullegg.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi, illi t-tifel tal-konvenuti Jea Paul Testa ghamel zmien jattendi l-Kullegg ta’ St. Edward’s, beda mill-primarji u beda’ tielgha sas-sekondarji. Baqa’ hemmhekk sakemm kellu tnax-il sena. Kien fil-Form 2 meta l-konvenuti nnutaw l-progress akkademiku tat-tifel beda’ jmur lura. Jidher illi kien hemm xi problema ma’ ghalliema partikolari, certa Mrs Portelli illi minhabba fiha l-konvenuti ddecidew illi jibghatu lit-tifel fi skola ohra. Pero’ ghal dak it-term it-tifel xorta baqa’ jattendi l-Kullegg ghad illi beda’ jiehu privatijiet biex ikun ippreparat ghall-

ezamijiet li kien sejjer jaghmel ghall-skejjel ohra, fosthom dak ta’ San Alwigi.

Meta mbaghad it-tifel ghadda ghal dan il-Kullegg, fis-6 ta’ Settembru, 1997, il-konvenuti baghtu ittra lill-Headmaster tal-Kullegg ta’ St. Edward’s fejn infawh illi t-tifel ma kienx ser jibqa’ jattendi dik l-iskola.

Il-Headmaster irrisponda b’ittra tal-15 ta’ Settembru, fejn wera’ d-dispjacir tieghu illi t-tifel ma kienx ser ikompli l-edukazzjoni maghhom u fakkarhom fir-regolamenti ta’ l-iskola illi kienu jesigu *notice* ta’ xahrejn qabel ma tifel ikun irtirat mill-iskola.

Peress illi dan in-*notice* ma giex moghti fit-terminu rikjest, il-Kullegg esiga li tithallas il-mizata tat-*term* illi kien imiss u cioe’ dak ta’ Ottubru – Dicembru, 1997.

Meta mbaghad il-konvenuti rrifjutaw illi jaghmlu dan il-pagament, peress illi skond huma kienu obbligati johorgu t-tifel mill-iskola minhabba nuqqasijiet ta’ l-istess Kullegg, allura saret din il-kawza. Min-naha l-ohra, l-Kullegg qieghed jaghmel riferenza ghar-regolamenti, partikolarment il-paragrafu 7.1 illi jaghti t-terminu fuq imsemmi ghall-irtirar ta’ tfal mill-iskola u jinsisti illi ladarba dan it-terminu ma jigix osservat il-konvenuti ghandhom ihallsu l-mizata kif rikjest.

Ikkunsidrat:

Illi fuq dan il-punt il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt meta genituri jirtiraw lit-tfal taghhom minn dan il-Kullegg minkejja dak illi jinghad fir-regolamenti. Mhijiex skuza illi tghid illi r-regolamenti ma kontx tafhom. Il-konvenuti kellhom f’idejhom dawn ir-regolamenti kif tixhed l-ircevuta a Fol. 17 u ghalhekk kienu jafu sew illi kellhom jaghtu xahrejn *notice* qabel ma jirtiraw lit-tifel.

It-tifel ma kompliex is-sena skolastika 1997/1998, ghax kif gia nghad dik is-sena bdieha San Alwigi u l-Kullegg St. Edward’s gie avzat b’dan bl-ittra datata 6 ta’ Settembru,

ghalhekk anqas minn xahrejn kif rikjest mir-regolamenti ta' l-istess Kullegg.

Mhijiex skuza anqas illi tghid illi lit-tifel irtirajtu minhabba problemi akkademici illi kien hemm fl-iskola peress illi dawn ir-regolamenti jissuperaw tali problemi.

Il-Qorti ma tistax f'din il-kawza tissindika r-regolamenti tal-Kullegg, dawna ghandhom jigu accettati kif inhuma u l-konvenuti ma jistghux jaharbu mill-obbligazzjonijiet taghhom skond dawn l-istess regolamenti. Darba l-konvenuti ddecidew illi jdahhlu lit-tifel taghhom il-Kullegg ta' St. Edward's u dana gie accettat, inholoqot relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet sabiex il-Kullegg jipprovdi l-edukazzjoni versu kunsiderazzjoni stabbilita minn qabel.

Din ir-relazzjoni kontrattwali kienet ben saputa ghall-konvenuti meta huma rcevew kopja tar-regolamenti. U jekk kellhom xi lment kontra l-Kullegg, dawna kellhom id-dritt jagixxu separatament b'kawza 'ad hoc' izda mhux bhala eccezzjoni f'din il-kawza li hija bazata fuq regolamenti li gew accettati mill-konvenuti.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenzi ghall-sentenzi moghtija minnha stess kif preseduta u cioe' David Ellis vs Edward Zarb Mizzi deciza fil-5 ta' Awissu, 1992, u David Ellis vs Philip Ransley deciza fit-3 ta' Ottubru, 2000, fejn ukoll qamet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' hlas minhabba f'ilmenti fl-edukazzjoni ta' l-ulied. Ghall-istess ragunijiet moghtija f'dawn is-sentenzi, din il-Qorti ma tistax tilqa' l-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti u filwaqt illi taghmel piena riferenza ghalihom, jidhrilha illi l-attur nomine gab provi bizzejjed ghas-success ta' l-istanza tieghu li ghalhekk timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, u tikkundanna lill-konvenuti illi jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin (Lm263) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg hawn fuq imsemmi ta' taghlim u edukazzjoni, kif ukoll spejjez ohra inkorsi in

konnesssjoni mat-tifel tal-konvenuti li kien student fl-istess Kullegg, u dan skond kont li jgib id-data ta’ l-ewwel (1) ta’ Settembru, elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997).

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenuti.”

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet illi r-regolamenti tal-kullegg u allura t-talba attrici li fuqhom hi bazata kellhom jipprevalu fuq il-problemi akkademici tort tal-istess kullegg. Huma jissottomettu illi l-kullegg ma rrikambjax il-fiducja posta fih billi naqas li jipprovdi edukazzjoni xierqa lil binhom. B’hekk gie li l-kullegg ma adempiex l-obbligi tieghu. Jissottomettu wkoll illi f’kull kaz ma setghux jaghtu l-avviz opportun lil kullegg fit-terminu regolamentari qabel ma kienu certi li binhom gie accettat minn skola ohra.

Is-sentenza appellata tikkonsisti markatament f’wahda ta’ apprezzament ta’ provi u l-gudizzju dwarhom dipendenti mill-kuxjenza u l-liberu konvinciment tal-gudikant.

Issa ma jidherx li tezisti bejn il-partijiet kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-avviz bil-miktub prevvist fir-Regolament 7.1 tal-Kullegg St. Edwards ma giex prosegwit mill-appellanti qabel il-31 ta’ Lulju precedenti s-sena skolastika 1997/98. Dan huwa ammess kemm mill-appellant Alfred Testa (fol 28) kif ukoll mill-appellanti martu Sylvana Testa (fol 48), li irrikonoxxew wkoll illi kienu jafu bir-regoli tal-kullegg (fol 66) ghal-liema sottoskrivew bil-firma taghhom (Ara dokument a fol 17).

Ciononostante l-appellanti hassew li kellhom xorta wahda jirrezistu t-talba tal-kullegg ghall-hlas reklamat fuq il-pretiza illi binhom ma kienx qed jircievi l-edukazzjoni spettata minnhom. Kwantu ghat-tardivita` fil-ghoti tal-avviz huma jadducu illi sat-2 ta’ Settembru 1997 ma kienux fi stat li jinformaw lil St. Edwards li binhom ma kienx sejjer jattendi aktar dak il-kullegg ghaliex ma kienux jafu jekk it-tifel giex accettat skola ohra. Ara deposizzjonijiet tal-appellanti a fol 69 u fol 71.

Minghajr ma tidhol fil-meriti jew id-dimeriti tal-allegazzjonijiet tal-konvenuti appellanti fil-konfront tal-kullegg riferibilment ghax-xorta u kwalita` ta' tahrig edukattiv impartit f'din l-iskola, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma jidhrilhiex illi dawn l-allegazzjonijiet tal-appellanti, validi kemm huma validi, huma bizzejjed biex jinnewtralizzaw it-talba mill-kullegg ghall-hlas bis-sahha tar-Regolamenti u ghal liema l-istess appellanti aderew. Il-Qorti anzi thoss illi anke kieku dawn l-istess allegazzjonijiet gew sostanzjati dan, imbaghad, ma kellux jissarraf fl-atteggjament minnhom adottat, meta kellhom rimedji ohra disponibbli.

Bhala genituri, fir-rispett tal-liberta` tal-ghazla, huma kellhom kull dritt li jfittxu l-ahjar edukazzjoni ghal binhom. Din anzi hi haga bil-wisq inkoragganti u lodevoli. Hadd ma jista' jichad li l-argoment tal-appellanti ghandu certu piz billi fejn genituri jaraw illi l-iskola maghzula ma tkunx qed tilhaq l-aspirazzjonijiet mixtieqa din tigi sostitwita b'ohra fl-ahjar interess tal-edukazzjoni ta' uliedhom.

Dan pero` ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-ispjegazzjonijiet moghtija in suffragju tad-difiza tal-appellanti ma jistghux fil-kaz de quo jigu guridikament accettati bhala xi legittimazzjoni li tezimihom mill-obbligu tal-pagament. Dan multo magis imbaghad meta huma stess intrabtu bir-regolamenti li kjarament kienu juru t-triq li l-appellanti kellhom jipperkorru. Regolamenti li riedu jigu allura rispettati. Pacta sunt servanda. Ma kienx allura ndikattiv illi huma jfittxu sotterfugju mill-iskuzanti ta'problemi akkademici. Skuzanti li presumibilment ma kienetx tibqa' tali kieku binhom ma ghaddiex mill-ezami biex jidhol il-Kullegg ta' San Alwigi. Dan kif mistqarr del resto mill-istess appellanti Sylvana Testa meta, bhala motiv il-ghala ma avzatx qabel lill-kullegg, tghid illi "ir-raguni principali kienet illi jien ma ridtx illi l-iskola jaraw dan it-tifel f'dell ikrah,u apparti minn hekk, peress illi kont ghadni ma nafx ir-rizultat, lit-tifel ma kontx ser inhallih minghajr skola" (fol 48). Verament riedet tiehu l-ahjar vantagg fl-interess taghhom u ta' binhom, pero` a skapitu tal-kullegg.

Il-Qorti certament ma tlumx lill-appellanti illi huma taw l-avviz meta tawh, ottenut ir-rizultat mixtieq minn skola ohra. Daqstant iehor hi tal-fehma illi dan ma jiggjovax il-posizzjoni minnhom assunta. Kif josserva l-appellat il-preavviz dettat mir-regolament ghandu l-gustifikazzjoni tieghu. Jigifieri li tfal ohra li jridu jattendu l-kullegg ma jigux imcahhda minn post minhabba li certi genituri jaghzlu li jgharrfu lill-kullegg li ser jirtiraw it-tifel taghhom fl-ahhar mument meta jkun allura tard wisq biex postu jimtela minn min ikun qieghed fuq il-“waiting list”.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti temmen li l-argomenti dedotti mill-appellanti fl-aggravju taghhom ma jistghux jitqiesu legalment accettabbli u ghandhom jigu respinti. Kif fuq manifest il-kwestjoni l-izjed sostanzjali f’dan il-kaz tibqa’ dik illi l-appellanti naqsu li jottemperaw ruhhom mal-obbligu regolamentari minnhom stess accettat. Tabilhaqq, “contra factum non est argumentum”.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell migjub mill-konvenuti appellanti u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jitbatew ukoll mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------